TA' SANNAT
*Sensiela informattiva u edukattiva dwar Ta' Sannat*
minn
**Dr. Raymond C. Xerri**
B.A.(Hons.)(U.S.A.), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G.), D.D.S., M.A.(Dip.St.)(Malta), L.F.I.B.A.(U.K.), D.G.(U.S.A.), Ph.D. (Australia)



# IL-POPOLAZZJONI F'TA' SANNAT

Fl-aħħar numru ta' artikli li ktibt jindikana li Ta' Sannat mhux biss raħal żgħir f'Għawdex, iżda' belt f'għajnejn id-dinja. Il-popolazzjoni tas-Sannatin mhix biss dawk li jgħixu fit-territorju tal-lokalita' Ta' Sannat, iżda' s-Sannatin li jgħixu madwar Għawdex, Malta u fil-pajjiżi fejn jgħixu l-emigranti Sannatin fl-Awstralja, il-Kanada, Franza, l-Istati Uniti u r-Renju Unit. Allura kemm hi l-poplazzjoni tas-Sannatin madwar id-dinja? Kif ser insiru nafu? X'inhi l-istorja tal-popolazzjoni Ta' Sannat matul is-sekli?

***Fl-2009***

Nibdew bil-popolazzjoni ta' din is-sena. Huwa stmat li skond iċ-ċifri li ħarġu mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, f'Ta' Sannat insibu madwar 2100 persuna. Tajjeb li nifhmu li ċensiment isir kważi kull għaxar snin skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u li permezz tiegħu nsiru nafu kemm jgħixu nies fil-bliet u rħula tagħna, fosthom f'Ta Sannat. Dan huwa biss estimu għaliex n-nies kontinwament jitwieldu u jmutu, isiefru, jemigraw jew jiġu lura biex jgħixu f'Ta' Sannat u oħrajn jmorru jgħixu f'irħula oħra għalhekk in-numru dejjem jinbidel.

***Il-Popolazzjoni mill-bidu tal-Parroċċa (1699-1842)***

Mit-twaqqif tal-parroċċa l-popolazzjoni rreġistrat żieda konstanti sena wara sena u minn ċensiment għall-ieħor. Tnaqqis minimu jinħass fis-snin 1726, 1785-86, 1790-92 u 1872 meta verament beda l-emigrazzoni tal-massa għall-ewwel darba minn Għawdex.

***Ta' Sannat minn wara l-1872***

Nagħmlu pass lura għas-seklu li għadda. Il-Gvern Ċentrali ilu jorganizza ċensimenti u jżomm statistika tal-popolazzjoni ta' kull belt u raħal minn meta ġew l-Ingliżi f'Malta. Miċ-ċensiment tal-1667 Sannat dejjem kien jinkludi r-residenti tas-subborg tal-Munxar, illum raħal. Pero' l-ewwel darba li l-Gvern niżżel il-popolazzjoni tal-Munxar mal-lista ta' l-irħula oħra Għawdxin separatament minn Ta' Sannat kien fl-31 ta' Diċembru 1982 minkejja li l-Munxar kien sar raħal snin qabel jiġifieri fl-1957.

L-għaxar snin ta' qabel l-1891 raw mewġa ta' emigrazzjoni ta' Sannatin lejn il-bliet Franċiżi ta' Marsilja u Lyon fejn marru ifittxu opportunitajiet ta' xogħol b'mod partikulari bħala baħħara. Kien hemm ukoll min mar biex jaħdem fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq kif rajna f'artiklu preċedenti. Fl-1891 il-popolazzjoni ta' Sannat kienet tgħodd 1025. Hemm indikazzjoni ċara li qabel l-1890 Ta' Sannat kellha popolazzjoni li tqarreb l-1052 fl-1871 pero' minħabba din il-mewġa ta' emigrazzjoni l-popolazzjoni baqgħet tonqos għal 986 fl-1881.

***Il-Bidu tas-seklu għoxrin...***

It-tieni u t-tielet ċensiment li saru fl-1901 u 1911 rispettivament, raw żieda sostanzjali fil-popolazzjoni ta' Sannat tant li laħqet l-1242 minn 1116. F'dan il-perjodu il-popolazzjoni ta' Sannat irkuprat it-telf li kellha mill-emigrazzjoni fl-għaxar snin ta' qabel. Is-snin ta' wara, jiġifieri mill-1911 sa l-1921 (żmien l-Ewwel Gwerra Dinijija) raw bost Sannatin jieħdu sehem f'din il-gwerra u oħrajn jemigraw lejn bosta pajjiżi

fosthom l-Awstralja. B'hekk il-popolazzjoni ta' Sannat reġgħet naqset sew.

Wara li ntemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija, għadd ta' emigranti rritornaw lejn ta' Sannat u dan il-moviment ġab miegħu żieda kbira fil-popolazzjoni fir-raħal Ta' Sannat. Għall-ewwel darba ta' Sannat kellu popolazzjoni li jaqbeż l-1600. Dan kien riżultat ta' l-effetti ekonomiċi tajbin li ħarġu minn wara żmien il-gwerra fil-pajjiż fejn kienu emigraw u ħadmu dawk is-Sannatin emigrant li ġew lura Għawdex.

### *Nuqqas ta' permessi għall-djar u żwiġijiet barra r-raħal*

Żewġ fatturi oħra li qed jwaqqfu Ta' Sannat milli jikber fil-popolazzjoni b'mod kostanti, huma n-nuqqas ta' permessi għal bini ta' djar u li ħafna żgħażagħ qegħdin jiżżewġu u jmorru jgħixu barra Ta' Sannat, ġeneralment minn fejn tkun il-parti l-oħra tal-koppja. Dan hu fenomenu riċenti, għaliex ftit kienu dawk iż-żgħażagħ fis-snin l-imgħoddija jiżżewġu barra r-raħal u jmorru jgħixu post ieħor. Pero' bħalma qiegħed jiġri f'Ta Sannat, qiegħed jiġri f'irħula oħra madwar Għawdex u Malta. Fatt

### *Il-Popolazzjoni futur f'Ta' Sannat...bir-residenti Maltin u barranin?*

L-istorja tal-popolazzjoni f'Ta Sannat, hi identika għall-biċċa l-kbira ta' l-irħula Għawdxin l-oħra u għadu ikkonsidrat bħala raħal b'popolazzjoni medja; jiġifieri la hu raħal kbir u lanqas wieħed ċkejken. Pero' jekk tara r-rata li biha rħula oħra f'Għawdex qed jikbru mqabbla ma dik Ta' Sannat, wisq nibża li l-popolazzjoni ta' Sannat fil-futur tikber b'rata żgħira ħafna.

Fattur li ddomina dawn l-aħħar għoxrin sena kien iż-żieda kbira ta' Maltin u barranin li jixtru propjeta' u jgħixu temporanjament, għal btala jew permanentament f'Ta' Sannat. F'Ottubru 2007 konna nsibu 156 resident barranin (b'oriġini minn pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja) rreġistrati f'Ta Sannat u kważi l-istess ammont ta' Maltin.

Ta' Sannat minn dejjem kien raħal emigrant u kull meta pajjiżna jew id-dinja għaddiet minn xi kriżi ekonomika rajna li ħafna Sannatin jispiċċaw isiefru biex ifittxu x-xogħol. Jekk l-ekonomija ta' gżiritna tkun tajba, l-popolazzjoni ta' Sannat tiżdied. Din tagħlima mill-istorja!

### *Il-Popolazzjoni Ta' Sannat mill-bidu tal-Parroċċa (1667-2009)*

| **Data** | **Popolazzjoni** |
|---|---|
| 1667 | 233+ |
| 1702 | 377 |
| 1705 | 385 |
| 1716 | 426 |
| 1726 | 384 |
| 1728 | 492 |
| 1736 | 498 |
| 1744 | 546 |
| 1760 | 637 |
| 1782 | 737 |
| 1784 | 738 |
| 1785 | 707 |
| 1786 | 718 |
| 1788 | 740 |
| 1789 | 755 |
| 1790 | 738 |
| 1792 | 736 |
| 1793 | 754 |
| 1794 | 761 |
| 1800 | 850 |
| 1803 | 852 |
| 1807 | 869 |

| | |
|---|---|
| 1811 | 950 |
| 1842 | 899+ |
| 1851 | 924+ |
| 1861 | 940+ |
| 1871 | 1052+ |
| 1881 | 986+ |
| 1891 | 1025+ |
| 1901 | 1116+ |
| 1911 | 1243+ |
| 1921 | 1228+ |
| 1931 | 1324+ |
| 14 ta' Ġunju 1948 | 1625+ |
| 30 ta' Novembru 1957 | 1656+ |
| 31 ta' Diċembru 1960 | 1685 |
| 31 ta' Diċembru 1966 | 1624 |
| 26 ta' Novembru 1967 | 1717+ |
| 31 ta' Diċembru 1968 | 1519 |
| 31 ta' Diċembru 1969 | 1723 |
| 31 ta' Diċembru 1970 | 1707 |
| 31 ta' Diċembru 1971 | 1675 |
| 31 ta' Diċembru 1972 | 1640 |
| 31 ta' Diċembru 1973 | 1498 |
| 31 ta' Diċembru 1975 | 1478 |
| 31 ta' Diċembru 1976 | 1505 |
| 31 ta' Diċembru 1978 | 1539 |
| 31 ta' Diċembru 1979 | 1555 |
| 31 ta' Diċembru 1980 | 1577* |
| 31 ta' Diċembru 1982 | 1200 |
| 31 ta' Diċembru 1983 | 1208 |
| 31 ta' Diċembru 1984 | 1207 |
| 16 ta' Novembru 1985 | 1309+ |
| 31 ta' Diċembru 1987 | 1326 |
| 31 ta' Diċembru 1988 | 1349 |
| 31 ta' Diċembru 1989 | 1372 |
| 31 ta' Diċembru 1990 | 1377 |
| 31 ta' Diċembru 1992 | 1309 |
| 31 ta' Diċembru 1994 | 1471 |
| 31 ta' Diċembru 1995 | 1595+ |
| 31 ta' Diċembru 1997 | 1611 |
| 31 ta' Diċembru 1998 | 1622 |
| 31 ta' Diċembru 1999 | 1635 |
| 31 ta' Diċembru 2000 | 1656 |
| 31 ta' Diċembru 2001 | 1685 |
| 31 ta' Diċembru 2002 | 1769 |
| 31 ta' Diċembru 2003 | 1719 |
| 31 ta' Diċembru 2005 | 1840+ |
| 7 ta' Awwissu 2007 | 2066 |
| 7 ta' Awwissu 2008 | 2092 |
| Lulju 2009 | 2100 |

*Popolazzjoni meta l-aħħar ġew inklużi r-residenti fir-raħal tal-Munxar.
+ Sena meta sar ċensiment nazzjonali.

**Referenzi:-**

Malta Year Books (1966-2007)
Census of Malta and Gozo (1667-2005)
Demographic Reviews of the Maltese Islands, Central Office of Statistics, Valletta.
Xerri, Raymond C., *Gozo in the World and the World in Gozo: a cultural impact of migration and return migration on an island community*, Victoria University, Melbourne, Australia, 2001.
Xerri, Raymond C., *Gozitan Crossings*, Gozo & the Gozitans Series, A&M Printing Ltd., Qala, 2005.
Xerri, R. C. 2005, *A Decade of Australian-Qala Association 1995-2005*, Gozo & the Gozitans Series No. 2, A&M Printing Ltd, Qala.